Fondi tal-UE
għal Malta
2014-2020

# Pre-Avviż – Miżuri 1 u 2

**Il-Fondazzjoni GAL XLOKK (GXF) qed tippublika pre-avviż għall-miżuri li ġejjin taħt il-programm LEADER (2014 – 2020):**

- **Miżura 1 – *Restoration of assets of artistic and cultural value***
- **Miżura 2 – *Strengthening a healthy cultural identity (it-tieni sejħa)***

Il-Fondazzjoni Gal Xlokk (GXF) tħabbar li ser toħroġ is-sejħa għall-proposti, għall-miżura 1 u miżura 2 taħt il-programm LEADER 2014–2020 bħala parti mill-istrateġija għall-Iżvilupp Lokali ta' GXF.

**Miżura 1 -** Din l-azzjoni tappoġġja r-restawr ta' oġġetti fuq skala żgħira ta' valur kulturali u storiku sinifikanti fit-territorju b'aċċess raġonevoli bla ħlas mill-pubbliku ġenerali. Għal din is-sejħa, ġew allokati **€180,000 ta' fondi pubbliċi.** Il-Benefiċjarji ewlenin huma l-għaqdiet Volontarji reġistrati mal-Kummissjoni tal-Volontarjat li jaqgħu taħt l-Att. 2007 tal-għaqdiet Volontarji, l-kunsilli lokali u individwi privati.

**Miżura 2 (it-tieni sejħa) -** L-għan tal-miżura huwa li tipprovdi l-appoġġ meħtieġ sabiex il-ħidma tal-għaqdiet volontarji fis-settur kulturali jrawmu socjeta' aktar b'saħħitha fl-izvilupp tal-identita' tat-territorju tal-Xlokk ta' Malta. Għal din is-sejħa, huma allokati **€205,264.63 ta' fondi pubbliċi.** Il-Benefiċjarji ewlenin taħt din il-miżura huma l-għaqdiet Volontarji reġistrati mal-Kummissjoni tal-Volontarjat li jaqgħu taħt l-Att. 2007 tal-għaqdiet Volontarji.

Il-Benefiċjarji li jintgħażlu ser jingħataw 80% ko-finanzjament. Is-sejħiet ser ikunu miftuħa **mill-21 ta' Ġunju 2019. L-ewwel sett t'applikazzjonijiet jintlaqa' sat-8 t'Awwissu 2019, f'nofsinhar; it-tieni sett t'applikazzjonijiet jintlaqa' sa 26 ta' Settembru 2019, f'nofsinhar; it-tielet sett jintlaqa' sal-14 ta' Novembru 2019, f'nofsinhar.** It-tieni u t-tielet sett jintlaqgħu biss diment li jkun għad fadal fondi mill-ammonti allokati għal kull miżura. Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi fl-uffiċċju tal-GAL XLOKK: 269, Triq il-Kbira, Ħal Qormi. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn: - Telefon: 2099 8008 – email: info@galxlokk.com. Applikazzjonijiet u l-linji gwida jistgħu jitnizzlu mis-sit: www.galxlokk.com

***Applikazzjonijiet sottomessi tard ma jiġux aċċettati.***

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014–2020**

LEADER
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)
Rata ta' Ko-finanzjament:
75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta

**Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali**
***L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali***